MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2012

Numru. 135/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**

**VS**

**BERNICE CAMILLERI**
**RICHARD ATTARD**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Bernice Camilleri detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 353789 (M) u l-imsemmi Richard Attard detentur tal-karta tal-Identita` 662281 (M).

**Akkuzati talli:**

Fid-9 ta` Dicembru, 2012, ghal habta tas-sebgha nieqes kwart ta` filghaxija (18:45hrs) minn gewwa l-hanut bl-isem Check In li jinsab gewwa Misrah Gavino Gulia, Bormla, ikkommettew serq ta` laptop computer tal-marka MSi liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi il-€232.94 izda ma jeccedix l-€2,329.40, bil-persuna u bil-hin ghad-dannu ta` Duncan Delia u/jew persuni ohra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi mressqa;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 261, 267, 268 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fuq ammissjoni dina l-Qorti ssib lill-imputati hatja u ghaldaqstant tikkundannhom sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2) ai terminu tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------